MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1486/2000/1

**Carmel Mizzi**

**vs**

**Stephen Montanaro**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Marzu, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:*

*1. Ihallas lill-istanti s-somma ta' tmien mija u tlieta u sebghin lira u seba u erbghin centezmi*

*(LM873.47,0) jew somma verjuri, danni minnu imgarrba b'rizultat ta' incident awtomobilistiku li gara fit-28 ta' Mejju 2000 fil-Coach Parking Area tal-Malta International Airport bejn il-vettura GAM 496 tal-istanti u x-xarabank numru ACY 958 misjuqa minnu;*

*2. Prevja d-dikjarazzjoni li hu kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;*

*3. Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut inkluzi LM34.50 ta' spejjez legali maghmula mill-attur u dawk tal-ittra ufficcjali presentata llum stess kontra l-assikuraturi ta' Stephen Montanaro, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat s-7 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:*

*1. Illi l-ewwel lok it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-incident meritu tal-kontestazzjoni m'huwiex attribwibbli lill-eccipjenti;*

*2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess id-danni pretizi mill-attur huma ferm ezagerati u ghaldaqstant qed jigu kkontestati;*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Rat id-dokumenti esebiti;*

*Ezaminat is-sottomissjonijiet skritti tal-partijiet;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi l-incident meritu ta' din il-procedura sehh fl-area rizervata ghall-parkegg ta' xarabankijiet fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fit-28 ta' Mejju tas-sena 2000 ghall-habta tad-9.15 a.m.;*

*2. Illi l-vetturi nvoluti kienu wahda tal-marka Cummins misjuqa mill-konvenut Stephen Montanaro u iggib in-numru ta' registrazzjoni ACY-958 u l-ohra tal-marka Ford Transit misjuqa mill-attur Carmel Mizzi u iggib in-numru ta' registrazzjoni GAM-496;*

*3. Illi jirrizulta li z-zewg vetturi involuti f'dan l-incident kienu regolarment ipparkeggjati fl-area appozitament rizervata ghalihom u meta gew biex johorgu bir-"reverse", habtu ma xulxin nonostante li hadu l-prekawzjonijiet dovuti;*

*4. Illi d-danni sofferti mill-attur Carmel Mizzi jammontaw ghas-somma minnu ndikata fl-avviz odjern;*

*5. Illi stante li baqa' mhux risarcit l-attur intavola l-procedura odjerna;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi ghandu jinghad li d-dinamika ta' l-incident de quo fi spazju ristrett u li fih il-partijiet huma imdorrijin jahdmu hi wahda li turi nuqqas ta' prudenza fis-sewqan da parti taz-zewg konducenti involuti;*

*Illi ghandu jkun pacifiku li bi ftit aktar attenzjoni l-incident in dizamina kien jigi evitat ghal kollox;*

*Illi fil-fehema ta' din il-qorti z-zewg konducenti involuti huma ugwalment responsabbli ghall-akkadut;*

*Ghaldaqstant din il-qorti in vista tal-premess tiddeciedi illi:*

*1. Tiddikjara lill-attur Carmel Mizzi u lill-konvenut Stephen Montanaro ugwalment responsabbli ghall-incident de quo;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tmin mija u tlieta u sebghin Lira Maltin u seba' u erbghin centezmu, (LM873.47,0);*

3. *Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut Stephen Montanaro ihallas biss lill-attur Carmel Mizzi l-ammont ta' erba' mija sitta u tletin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (LM436.73,0), bl-imghaxijiet legali dovuti fuq dan l-ammont hekk likwidat mid-data ta' l-ittra ufficcjali, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."*

Appella mis-sentenza l-attur bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ma messhiex sabitu ugwalment responsabbli ghall-incident meta l-fatti kellhom invece jindikawlha illi t-tort kollu ghas-sinistru kellu jigi akkollat lill-konvenut.

Biex tara jekk ghandhiex issostni din it-tezi u b'hekk tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata, l-Qorti jehtiegilha tezamina l-fatti processwali biex minnhom tirrikava l-fattur kontributur tal-habta. Fil-qosor dawn qed jigu hekk sintetizzati:-

i. Iz-zewg vetturi involuti kienu ipparkjati fil-Parking Area rizervati ghalihom fil-Malta International Airport. Dik tal-attur kienet van Transit stazzjonat f'bay numru 3. Dik tal-konvenut kienet coach ta' tul ta' tnax (12) il-pied ipparkjat fl-islot rizervat ghal coaches;
ii. Il-van kien ipparkjat wiccu l-barra mentri l-coach kien ipparkjat ihares il-gewwa fil-parking bay "*b'zewg metri mir-roti l-quddiem fuq il-bankina*". (Xhieda konvenut, fol 33). Fil-van jitghabbew il-bagalji, fil-coach, il-passiggiera;
iii. L-attur (fol 22 u fol 29) jghid li wara li harget il-coach l-aktar vicin ta' fejn kien ipparkjat hu saq ghal warajha u meta kien qed jaghmel hekk il-coach misjuqa mill-konvenut giet fuqu bir-reverse. Il-hsara sofferta kienet fin-nofs tal-van.
iv. Il-konvenut (fol 32) jiddeponi li wara li ghabba l-passiggiera gie biex isuq mill-parking area izda gie imwaqqaf minn Joseph Schembri, l-persuna mqabbda biex torganizza t-taghbija tal-passiggiera, u dan biex jippermetti coach ohra tohrog qablu. Hu jghid li wara li harget din il-coach Schembri tah indikazzjoni biex isuq u

hu hekk ghamel. Isostni li waqt li kien qed jirriversja hares mill-mirja u ma ra lil hadd, kellu l-lights ta' wara jixghelu, s-"sound alarm" operanti, b'Schembri qed jaralu fuq wara. Hu jghid li lahaq saq xi erbatax (14) il-pied qabel il-habta. Kien il-van li hariglu. Hsara kbira ma kellux.
v. In kontro-ezami l-istess konvenut jistqarr li "*meta thares mill-mera biex tara wara ma stajtx nara l-vann*" (fol 33). Jghid li ghalhekk kellu lil Joe Schembri qed jaralu.
vi. Joseph Schembri (fol 37) minn naha tieghu jghid li hu kien fuq in-naha tax-xufier meta tah l-istruzzjoni biex isuq. Meta ghamel hekk, kif minnu stess konfermat, "*mort ghal coaches l-ohra*". Hu jghid li l-Pulizija ma kellimhomx u ghalkemm il-konvenut jghid li indikah lil Pulizija, PS 284 Publius Cauchi dan ma jsemmihx la fil-lista tal-"witnesses", u lanqas taht "Drivers Statement" fir-rapport imhejji minnu.
vii. Effettivament l-imsemmi PS Cauchi (fol 16) illimita ruhu biex jirrakkonta dak li rrizultalu mir-rapport u cjoe l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa.

Hu apparenti mill-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti li din ikkoncentrat il-konsiderandi taghha fuq rizultanza zbaljata li mill-atti processwali ma tirrizultax. Dan qed jigi rilevat in kwantu l-ewwel Qorti hadet bhala konsiderazzjoni ghall-konkluzjoni taghha l-fatt erroneu li l-attur ukoll kien hiereg bir-"reverse" mill-parking bay fejn kienet stazzjonata l-vettura tieghu. Dan ma hu sorrett minn ebda prova bhal din.

Jidher li dan il-fattur, hekk zbaljat u mhux sostenut, kien il-motiv li nduca lill-ewwel Qorti tasal ghar-ripartizzjoni tar-responsabilita.

Ir-rikostruzzjoni tad-dinamika tal-incident kien konsegwenzjalment zbaljat kif hekk allura kienet l-identifikazzjoni tar-responsabilitajiet reciproci tas-sewwieqa involuti fl-incident.

Kif taraha din il-Qorti l-prova fattwali ghandhom jaghtu aktar piz korroborattiv lill-verzjoni ta' l-attur milli dik tal-konvenut, u jaghmlu dik il-verzjoni tieghu aktar attendibbli. Dan, apparti imbaghad, il-korrelazzjoni ta' dawn l-istess

fatti mal-osservanzi jew non-osservanzi tar-regolamenti tas-sewqan li kull sewwieq hu obbligat josserva.

Biex waslet ghal dan il-gudizzju taghha l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi biex tara jekk kienx il-kaz li taddebita kontributorjeta’ fil-htija ghall-incident lill-attur.

Jirrizulta illi l-konvenut kien hiereg isuq bir-reverse mill-parkegg fejn kien. ‘A tempo vergine’ stqarr mal-Pulzija li kkonduca l-investigazzjoni li hu hares fil-mera u meta ra li kollox kien “clear” irriversja. Fil-kontro-ezami jghid li l-wara tal-coach ma tistax tarah mill-mera u kien ghalhekk li kellu lil Joe Schembri jassistih. Dan ix-xhud pero’ ma joffri l-ebda sostenn robust lill-konvenut gjaladarba ‘ex admissis’ jistqarr li kif appena ta struzzjonijiet lill-konvenut biex isuq hu mar ghal coaches l-ohra. Inoltre huwa improbabbli li dan l-istess xhud, prodott biex jaghti fidi lix-xhieda tieghu, gie indikat mill-konvenut lil Pulizija. Kieku dan kien hekk il-kaz, is-Surgent bhala recorder tar-“res gestae”, dan il-fatt hekk ta’ importanza ghall-konvenut, kien jirregistrah fir-rapport tieghu. Intant il-konvenut jillimita ruhu biex jghid li ma ndunax li Schembri ma kienx imsemmi fir-rapport tal-Pulizija (fol 33).

Il-fatt, imbaghad, li kellu l-lights ta’ wara jixghelu u t-thaddim tal-“buzzer”, l-istess bhad-daqq tal-horn, ma jaghtuhx xi brevett ta’ immunita’ ghal kull imprudenza li joghgbu jikkommetti (**“Il-Pulizija –vs- Alfred Brincat**”, Appell Kriminali, 10 ta’ Awissu 1963).

Il-Qorti jidhrilha li dan il-fatt ma jezentahx minn kwalunkwe mizura prekawzjonali ohra u principalment u senjatament mill-obbligu li jzomm “a proper look-out”. Multo magis, imbaghad, meta r-regolamenti jirrikjedu b’obbligu illi konsiderat ukoll id-daqs tal-vettura taht il-kontroll tieghu, bil-passiggieri fiha, jkollu verament lil xi hadd jassistih f’kaz ta’ manuvra bir-reverse biex dan iservih ta’ gwida ghas-sitwazzjonijiet li ma jkunux ragjonevolment vizibbli. Dan ma jidherx li kien hekk il-kaz. U jekk verament hares mill-mera allura ma harisx sew.

Wara li telqet l-ewwel coach u l-attur gie biex isegwiha hu ma kienx aktar impedut li jaghmel dan u cjoe li johrog mill-posizzjoni tal-parkegg fejn kien sost. Kieku l-konvenut indenja ruhu li jhares fid-direzzjoni minn fejn kien hiereg l-attur kien jirrealizza li l-van tal-attur kien 'in motion'. U mhux semplicistikament jistrieh wara l-impressjoni mistqarra li l-van hariglu meta avvicina fil-livell tieghu.

Valutati l-provi fl-assjem taghhom, korrelatati mar-regolamenti tat-traffiku li jghoddu ghall-kaz in ispecie (in partikolari Reg. 202 tal-Kodici tat-Traffiku), l-Qorti hi tal-opinjoni li l-kawza prossima u immedjata tal-incident kienet il-fatt li l-konvenut kien naqas li jzomm "a reasonable proper look-out" fil-mument li iddecieda li jirriversja. Il-htija tal-incident kellha allura tigi addossata interament lill-konvenut u s-sentenza appellata li rriteniet illi l-attur kien ugwalment responsabbli kienet zbaljata u ghandha tigi revokata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ghalhekk tiddeciedi billi tilqa' l-appell interpost mill-attur, thassar id-decizjoni appellata fejn sabet lill-attur appellat ugwalment fi htija ghall-incident u minflok tiddikjara li ghas-sinistru hu biss responsabbli l-konvenut. In vista ta' din id-decizjoni tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' tmien mija u tlieta u sebghin liri Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm873.47,0) danni subiti fl-istess incident, bl-imghax legali minn notifika ta' l-Avviz.

L-ispejjez tal-kawza ta' l-ewwel istanza jibqghu kif dikjarati fis-sentenza appellata. Dawk ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------